**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' Novembru, 2019**

**Talba Numru: 501/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 31**

**Hal Mann Vella Limited (C28088)**

**The Factory,**

**Mosta Road,**

**Lija**

**Vs**

**Carmelo Debono (K.I. 582676M)**

**Debonair,**

**Triq is-Sindku P Vella,**

**Zebbug**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fit-22 t' Ottubru 2018 li permezz taghha s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi ordnat ihallasha s-somma ta' elf tlett mija wiehed u sittin ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,361.92c) rapprezentanti prodotti u servizzi debitament mibjugha konsenjati u rezi lill-intimat mill-kumpanija attrici fuq ordni ta' prodotti u servizzi maghmula mill-istess attur lill-kumpanija attrici.

Ra r-risposta u l-kontro talba tal-attur a fol 15 et li permezz taghha l-konvenut eccepixxi li t-talbiet qed jigu respinti in toto fil-fatt u fid-dritt u li l-kontro talba tieghu tikkonsisti fl-ammont ta' elf tlett mija wiehed u sittin ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,361.92c) u t-tilwima l-konvenut nizzel a fol 16 'as in risposta'.

Ra l-verbal tat-22 ta' Marzu 2019 a fol 17 minn fejn jirrizulta li l-avukat tas-socjeta' attrici Dr Maxilene Ellul ddikjarat li l-ammont mertu ta' din it-talba gie mhallas u talbet li l-kawza tibqa ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez u l-imghaxijiet.

Ra r-risposta tas-socjeta' attrici ghal kontro talba tal-konvenut a fol 38 li permezz taghha eccepiet li s-sorte thallas u jonqos biss l-imghax u l-ispejjez tal-kawza u li oltre hekk qatt ma kien hemm ebda pendenzi bejn il-partijiet; li l-kontro talba ma fiha xejn li fiha jindika xi talba o meno jew x'qieghed jippretendi l-intimat u ghalhekk hija legalment mhux go forma li tista twassal ghal xi kundanna o meno; li ghalhekk hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra li fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019 il-konvenut iddikjara li ma ghandux provi dwar il-kontro talba u li l-avukati tal-partijiet talbu li l-kawza tibqa ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi din hija talba sabiex l-konvenut jigi ordnat ihallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' elf tlett mija u wiehed u sittin ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,361.92c) liema somma l-konvenut hallas fil-mori tal-kawza.

Is-socjeta' attrici qed titlob sentenza dwar l-imghaxijiet u l-kap tal-ispejjez.

Il-konvenut eccepixxa li t-talbiet ghandhom jigu respinti fil-fatt u fid-dritt u pprezenta l-kontro talba f'liema kontro talba ma jistax jinghad li ghamel ebda talba stante li skont hu t-talba tieghu hija r-risposta tal-Avviz tat-Talba cioe' li "It-talba jew talbiet qeghdin jigu respinti in toto fil-fatt u fid-dritt.".

Ra r-risposta tas-socjeta' attrici ghal kontro talba tal-attur.

Il-konvenut hallas is-sorte fil-mori ta' dawn il-proceduri u meta ghamel huwa jkun qed jammetti t-talba attrici.

Dwar il-kontro talba tal-konvenut stante li huwa ma ntavola ebda talba huwa ghalhekk ma ddeduca l-ebda pretensjoni f'forma ta' talba izda sempliciment illimita ruhu ghal linja difensjonali ghat-talba tas-socjeta' attrici.

Dan hu wkoll evidenti mill-proviso fl-istess disposizzjoni introdott "basta li din il-kontro talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur". Effettivament l-estremi rikjesti ghar-rikonvenzjoni skont l-imsemmi artikolu jikkonsistu fl-ispjega elokwenti li nsibu fid-decizjoni klassika fuq din il-materja, riportata a Vol XXVII p1 p895;

(i) "nella comunanza di origine delle due cause", ovvero, (ii) nella eliminazione reciproca delle due domande.

F'din l-istess sentenza jissokta mbaghad jigi puntwalizzat illi "*la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi.*"

Inoltre jinghad ukoll li ebda prova ma ressaq l-konvenut f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma ghandux ghazla ohra ghajr li jilqa' (a) t-talba attrici u in vista tal-pagament tas-sorte li sar fil-mori mill-konvenut jordna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament u (b) jichad il-kontro talba tal-konvenut bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**